# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 14**

**Avviz. numru 876/00mm**

**Elmo Insurance Agency Limited, in rapprezentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Attilia Attard u l-istess Attilia Attard**

**vs**

**Stefan J Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-11 ta' Lulju 2000 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' seba' mija hamsa u erbghin lira ghaxar centezmi (Lm745.10c) in kwantu ghal sitt mija hamsa u erbghin lira ghaxar centezmi (Lm645.10c)

lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal mitt lira (Lm100) lill-attrici Attilia Attard, in linea ta' danni - minnhom sborsati - in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Naxxar fid-19 ta' Awissu,1998, meta waqt li huwa kien qed isuq l-motorcycle Nru FAJ 901 habat mal-vettura Nru ZAN 333 proprjeta' ta' l-attrici Attilia Attard u misjuqa minn Christopher Shoushani - prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Mejju 2000 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-29 ta' Mejju 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-avviz ma garax tort u htija tal-konvenut, izda gara tort u htija tas-sewwieq Christopher Shoushani, s-sewwieq tal-vettura numru ZAN 333, li waqt li kien qed isuq l-imsemmi vettura dar fuq il-lemin tieghu minghajr l-ebda pre avviz bir-rizultat li huwa habat mall-vettura FAJ 901 li dak il-hin kienet qed tinsaq regolarment mill-eccipjenti.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, u ghalhekk it-talbiet taghhom ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara San Gwann fid-19 t'Awissu 1998 bejn Volkswagen Polo proprjeta' ta' Attilia Attard izda misjuqa minn Christopher Shoushani liema vettura kellha n-numru ZAN 333 u l-mutur FAJ 901 misjuq mill-konvenut. L-incident gara ezatt faccata ta' l-istabbiliment Fantasia. Z-zewg vetturi kienu qieghdin jinstaqu fl-istess direzzjoni, izda Christopher Shoushani ried jaqsam il-karreggjata ghall-lemin u kien proprju f'dak il-punt illi lahaq il-mutur minn naha ta' wara u sar l-incident.

Christopher Shoushani xehed illi huwa kien qed isuq ghal nofs it-triq fuq il-karreggjata tieghu, bl-*indicator* mixghul illi kien sejjer jaqsam ghan-naha l-ohra tat-triq biex jipparkja. Hares fil-mera u ra illi ma kien gej hadd, waqaf, u meta accerta ruhu li setgha jkompli t-triq tieghu beda miexi. F'daqqa wahda gie l-mutur minn naha tal-lemin tieghu u baqa diehel fih. Dan il-mutur dahal fuq in-naha ta' wara tal-karozza tan-nahha tal-lemin u baqa jitkaxkar sa quddiem sal-fanal.

Il-konvenut ighid illi huwa kien qed isuq il-mutur FAJ 901 fid-direzzjoni ta' San Gwann u jara karozza wieqfa f'nofs il-karreggjata tieghu, ghalhekk huwa gibed lejn il-lemin halli jaghmel manuvra ta' sorpass. Kif

gie magembha, l-karozza bdiet tigbed lejn il-lemin biex tidhol fi Triq il-Korvu. Il-konvenut kien jaf illi kienet tezisti din it-triq, pero' peress illi kienet *One Way* ma ssoponiex illi l-karozza ser tiehu dik id-direzzjoni.

Innega illi l-karozza kienet f'nofs it-triq u li kellha *indicator* mixghul minn ferm qabel. Il-konvenut ighid li huwa nduna biss bl-*indicator* meta gie magembha u ra dan mixghul fil-gemb tal-karozza waqt illi kien diehel fiha.

Is-Surgent Anthony Farrugia kellem lill-partijiet u Shoushani kien qallu li kien ser jaqsam it-triq biex imur jipparkja l-karozza tieghu taht l-istabbiliment Fantasia. Is-Surgent spjega illi dik il-bankina kollha sal-Kappella  ta' San Gwann ta' l-Gharghar, hija pprojbita ghal *parking*. Terga u tghid it-triq fejn gara dan l-incident Triq il-Korvu, hija wkoll *One Way.*

Ikkunsidrat:

Is-sitwazzjoni li nholqot dak il-hin ta' l-incident kienet wahda fejn il-karozza misjuqa minn Shoushani kienet fuq main road bil-hsieb illi dina titlaq dik it-triq, tigbed lejn il-lemin u tipparkja n-naha l-ohra tat-triq. Il-konvenut kien qed isuq fl-istess direzzjoni. Ra din il-karozza quddiemu u dak il-hin ittanta jaghmel manuvra ta' sorpass, ghax tajjeb jew hazin ma fehemx sew l-intenzjonijiet tas-sewwieq tal-karozza quddiemu. F'dan l-istadju tqum il-kwistjoni jekk il-konvenut kienx gustifikat illi ma jifhimx l-intenzjonijiet ta' Shoushani u setghax jaghmel manuvra ta' sorpass minghajr perikolu ghalih u ghall-utenti l-ohra tat-triq fl-isfond tas-sitwazzjoni illi svolgiet quddiemu dak il-hin.

Ma hemmx dubbju illi manuvra ta' sorpass hija manuvra perikoluza u sewwieq m'ghandu qatt jittanta jaghmel tali manuvra jekk ma jkunx cert li jista jaghmilha minghajr perikolu. Dina giet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri f'decizzjoni moghtija fl-14 ta' Jannar 2002 fl-ismijiet *"Elmo Insurance Services Limited vs Edward Said"* fejn inghad illi "… l-attur appellant naqas li josserva r-regolamenti bazilari in materja ta' sorpass, dik cioe' illi ma kellhux jissorpassa qabel ma jkun cert illi setgha jibda, jkompli u jtemm dik il-manuvra fiha nnifisha perikoluza b'success u bla riskju ghalih u ghall-utenti ohra. Jidher illi l-istess attur kien imprudenti billi ….. ttanta jaghmel manuvra ta' sorpass f'punt ta' triq vicin road junction, dana meta r-regolamenti tat-traffiku gustament kienu jimponu divjet espress f'dan ir-rigward. L-appellant …. allura kellu jkun konxju tal-possibilta' illi karozza misjuqa quddiemu setghet ikollha l-intenzjoni li tikser lejn il-lemin taghha biex tidhol f'dik it-triq laterali."

Il-konvenut ra dan kollu quddiemu, biss xehed illi qatt ma setgha ssopona li Shoushani kien sejjer idur lejn il-lemin ghal Triq il-Korvu peress minn dik it-triq tista tohrog biss u terga u tghid kien hemm divjet ghal parking tul il-bankina kollha mill-istabbiliment Fantasia sal-Kappella ta' San Gwann ta' l-Gharghar. Mehud in konsiderazzjoni l-ispazju strett illi mutur jokkupa, l-konvenut iddecieda illi jibqa' ghaddej ghat-triq tieghu minn fuq il-lemin tal-karozza misjuqa minn Shoushani. Kien proprju dak il-hin illi Shoushani ddecieda illi jdur lejn il-lemin u sar l-incident.

Is-sitwazzjoni li sab fiha Shoushani hija simili ghal sewwieq illi jkun qed isuq fi triq principali u ried idur ghal triq laterali. F'din is-sitwazzjoni allura ghandu certa obbligazzjonijiet x'josserva biex ikun cert li jkun jista jitla t-triq principali minghajr perikolu.

F'sentenza moghtija fis-16 ta' Ottubru 1995 il-Prim Awla tal-Qorti Civili f'kawza fl-ismijiet *"Hugh P Zammit Noe vs Raymond Debono"* qalet illi meta sewwieq ikun ser jikser ghal go *side street*, mhux bizzejjed li jaghmel sinjal, izda jrid jara wkoll illi dawk li qed isuqu warajh jkunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih. Hu jrid jaccerta ruhu illi ma jkun hemm hadd li qed jaqilghu fil-mument li jkun ser jikser.

It-taghlim krucjali f'din is-sentenza huwa li sewwieq irid jaccerta ruhu li vetturi ta' warajh ikunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih. Shoushani jghid illi xeghel l-indicator, gibed fin-nofs, hares fil-mera u ma ra lil hadd. Kompla jhares fil-mera waqt li kien qieghed idur izda f'daqqa wahda tfacca dan il-mutur li baqa diehel fih. Il-Qorti ma tistax timmagina li setgha ghadda hafna hin fil-mument illi wasal vicin il-junction ghal meta beda jdawwar id-direzzjoni tal-karozza tieghu. Vera illi mutur huwa oggett insignifikanti fit-triq, izda mhux li ma jidhirx fil-mirja, aktar u aktar meta jkun daqshekk vicin karozza ohra.

A fol 37 Shoushani jghid *"qabel ma gejt biex indur lejn il-lemin jiena harist fil-mirja kemm tan-nofs, kif ukoll tal-gnub u ma rajt lil hadd. Dak il-hin jiena kont wieqaf. Meta gejt biex indur imghad jekk ikun hemm xi vettura fuq in-naha tal-lemin tieghek, bil-posizzjoni angolata kif tkun ma tkunx tista tara".* Hawnhekk jidher illi Shoushani ddecieda illi jkompli bil-bdil tad-direzzjoni tieghu fl-ghama peress illi kien hemm parti minn nahha ta' wara tal-karozza tieghu illi ma kienetx koperta bil-mirja. Jekk dana huwa minnu, allura Shoushani messu qaghad ferm aktar attent u ma jbiddilx id-direzzjoni tieghu qabel ma accerta ruhu illi anke waqt illi kien qed idur dana jista jaghmlu minghajr perikolu.

Dana gie konfermat f'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet *<u>"H Farrugia vs R Ripard"</u>* deciza fil-15 ta' Frar 1974 *"meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karozza, dana jrid jara li ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta jibda jaqsam, imma anke sakemm jaqsam ghal kollox"*.

"Ex admissis" Shoushani qieghed ighid illi anke waqt li kien qieghed jaqsam kien hemm parti mit-triq li ma kienetx qieghdha taht sorveljanza tieghu. Madankollu ddecieda li jasam xorta wahda. Kien proprju dak il-hin illi inzerta kien ghaddej il-konvenut. Dan ta' l-ahhar kien gustifikat li jkun perpless b'dan l-agir ta' Shoushani peress illi ma kellux fejn imur lejn il-lemin, ladarba Triq il-Korvu kienet *One Way* u kien hemm divjet ta' parking tul il-bankina kollha. Ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta illi l-kawza ta' dan l-incident kien proprju s-sewqan ta' Christopher Shoushani illi biddel id-direzzjoni tal-karozza tieghu minghajr ma ha l-prekawzjonijiet necessarji u di piu' kkreja sitwazzjoni ta' incertezza ghall-utenti l-ohra tat-triq bil-konsegwenza illi dawn ma fehmux l-intenzjoni tieghu u gara dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

Anthony Zammit
Dep Reg